## Laqgha Numru 03/K3/2002

## Introduzzjoni

Minuti tat-Tielet Laqgha tas-sena 2002 tat-Tielet Kunsill Lokali Pembroke li saret nhar l-Erbgha 6 ta' Frar 2002.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fit-8.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Paul Baldacchino u l-Kunsilliera Carmela Attard flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Kunsillier Pierre Cordina kien skuzat minhabba mard filwaqt li l-Kunsillier Ray Pace kien skuzat minhabba mpenji ohra.

Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-laqgha kienet qed issir aktar tard mis-soltu minhabba l-fatt li l-Kunsillier Ray Pace kien infurmah li kien ser ikollu mpenji ohra u ma kienx possibli li jkun prezenti. Il-Kelliem qal li huwa kien hass li minhabba f'hekk kellu jaghmel il-laqgha aktar tard, izda sfortunatament jirrizulta li l-anqas f'dan il-hin ma' seta l-Kunsillier Ray Pace ikun prezenti.

Is-Sindku Joe Zammit ippresieda l-laqgha.

## Agenda

Il-Kunsill mexa fuq l-avviz li gie ppubblikat fil-31 ta' Jannar 2002. L-**Agenda** kienet:

1. **Approvazzjoni tal-Minuti Rif. 02 / K3 / 2002.**
2. **Mistoqsijiet.**
3. **Korrispondenza.**
4. **Approvazzjoni tal-kontijiet.**
5. **Materji Ohra.**

## 1. Approvazzjoni tal-Minuti 02/K3/2002.

1.1. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 02/K3/2002.

1.2. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ssekonda.

1.3. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 2. Mistoqsijiet.

2.1. Is-Sindku Joe Zammit ghadda biex iwiegeb mistoqsijiet tal-Vici Sindku Paul Baldacchino fejn infurmah li ghalkemm ma tingabarx statistika ufficjali jirrizulta li l-batteriji wzati li jingabru fil-Kunsill, jingabru mid-Dipartiment koncernat fuq

bazi regolari darba fix-xahar kif ukoll li bejn wiehed u iehor tlett darbiet fil-gimgha jigi xi resident jiddeposita batteriji wzati. Il-Kelliem qal ukoll li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fuq bazi volontarja kien ha l-inizjattiva li jigbor batteriji wzati minn hanut f'San Giljan u dawn jizdiedu ma' dak li jkunu qed jingabru fil-lokal.

## 3. Korrispondenza.

3.1. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm il-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn l-24 ta' Jannar u s-6 ta' Frar 2002 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera. Fost l-ittri kollha saret riferenza ghall-

| Rif. | Suggett |
|---|---|
| 46/0233/02/I | E-mail minghand Mark Micallef fejn talab informazjoni fuq l-istorja ta' Pembroke. |
| 46/0237/02/I | Ittra minghand il-Kunsill Nazzjonali taz-zghazagh rigward il-kumitat ghar-revizjoni tal-Politika Nazzjonali taz-Zghazagh. |
| 46/0245/02/I | Ittra minghand l-Awtorita' ta' l-Ippjanar fejn baghtu kopja ta' stqarrija ghall-istampa li harget l-Awtorita' fejn u spjegat li l-mobile antennas mhumiex ta' periklu ghan-nies. |
| 46/0252/02/I | E-mail minghand is-Sur Ian Restall fejn wera l-apprezzament lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ta' kif solva l-problema li kien hemm fuq il-linja tat-telefon fi Triq il-Mediterran. |
| 46/0276/02/I | E-mail minghand is-Sinjorina Jennifer Baker mill-gurnal 'The Malta Independent' fejn talbet informazzjoni fuq l-area ta' Pembroke u fuq l-importanza li Pembroke ikollu Kunsill ghalih. |
| 46/0281/02/I | Ittra minghand l-Awtorita' ta' l-Ippjanar rigward permess PA 01796/00 biex isiru xi emendi fir-restawr tal-batterija ta' Pembroke. |
| 46/0283/02/I | Kwotazzjoni minghand il-Koperattiva Indafa Pubblika ghal kiri ta' skip. |
| 46/0306/02/I | E-mail minghand l-Awtorita' ta' l-Ippjanar bl-Agenda Development Control Commission ghal 4 ta' Frar 2002. |
| 46/0308/02/I | E-mail minghand l-Awtorita' ta' l-Ippjanar bl-Agenda Development Control Commission ghall-4 ta' Frar 2002 u ghas-6 ta' Frar 2002. |
| 46/0309/02/I | E-mail minghand id-DCC ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar rigward lista ta' decizjonijiet. |
| 46/0311/02/I | E-mail minghand l-Awtorita' ta' l-Ippjanar rigward lista ta' decizjonijiet ghal permess ta' zvilupp. |
| 46/0317/02/I | E-mail minghand l-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali fejn baghtu l-Agenda ghall-laqgha ghas-Sindki li ser issir fil-15 u fis-16 ta' Frar kif ukoll il-minuti tal-laqgha ghas-Sindki li saret fis-16 u fis-17 ta' Novembru 2001. |
| 46/0324/02/I | E-mail minghand il-Malta Podologist fejn infurmawna li pposponew il-gurnata tal-Foot Week Programme. |
| 46/0326/02/I | E-mail minghand is-Sur Vince Attard fejn ta' l-apprezzament tieghu ta' l-ittra li ktibna lill-Awtoritajiet rigward il-kmamar illegali li hemm quddiem Triq il-Mediterran. |
| 46/0327/02/I | Kwotazzjoni ghall-ismijiet tat-toroq minghand il-Vogue Quality |

| | |
|---|---|
| | Printers. |
| 46/0331/02/I | E-mail minghand il-Vici Sindku Paul Baldacchino fejn infurmana li nhar is-Sibt 2 ta' Frar gej Piscopo biex issir it-thawwil tas-sigar taz-zebbug. |
| 46/0332/02/I | Ittra minghand l-iskola Sir Adrian Dingli Girls Junior Lyceum fejn jixtiequ jorganizzaw attivita' b'konnessjoni ma' l-ECO Tourism Year nhar l-24 t'April 2002 bejn 10.00 u 12.00. |
| 46/0335/02/I | Ittra minghand il-Pembroke Athleta Juvenis Sports Club biex jinfurmawna li ser jorganizzaw it-8 edizzjoni ta' manifestazzjoni sportiva forma ta' giri nhar il-Hadd 7 t'April fit-8.30am u jitolbu ghajnuna finanzjarja bhala ko-organizzaturi ta' l-attivita'. |
| 46/0339/02/I | E-mail minghand id-DCC ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar rigward lista ta' decizjonijiet. |
| 46/0340/02/I | Statistika ndikattiva ta' kemm hemm bzonn lampi gewwa Pembroke. |
| 46/0345/02/I | E-mail minghand Roland Edwards Pembroke Dock Town Council fejn talab li meta jkunu Malta Mrs. Linda Gwyther tixtieq izzur kullegg. |
| 46/0352/02/I | Ittra minghand l-Ghaqda tal-Konsumaturi fejn jixtiequ li jibdew isiru laqghat ta' diskussjoni ghac-cittadini li joqghodu Pembroke dwar il-qasam tal-Protezzjoni u l-Edukazzjoni tal-Konsumaturi. |
| 46/0356/02/I | E-mail minghand il-Vici Sindku Paul Baldacchino fejn qed jistaqsi xi mistoqsijiet rigward il-kampanja tal-gbir tal-batteriji wzati. |
| 46/0363/02/I | E-mail minghand il-Kunsillier Ray Pace fejn infurmana li ma jistax jattendi ghall-laqgha tal-Kunsill ta' nhar l-Erbgha 6 ta' Frar 2002. |
| 46/0377/02/I | E-mail minghand id-DCC ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar rigward lista ta' decizjonijiet. |
| 46/0378/02/I | Ittra minghand Pembroke Town Council fejn infurmawna li accettaw li jsir Twinning ma' Pembroke Town Malta. |
| 46/0382/02/I | Mozzjoni minghand il-Kunsillier Ray Pace rigward il-pjanti u r-ritratti antiki li ser jigu esebiti fil-Muzew tal-Batterija ta' Pembroke. |

3.2. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0276/02/I** is-Sindku Joe Zammit qal li ma jistax jifhem kif il-gurnal The Malta Independent qed isaqsi issa ghala hawn Kunsill bl-isem Pembroke.

3.3. Wara diskussjoni qasira gie deciz li l-gurnal jigi nfurmat li n-necessita' li jezisti l-Kunsill Lokali Pembroke hija l-ewwel u qabel kollox minhabba l-fatt li l-konfini jirriflettu z-zona li kienet okkupata mill-Bazi Ingliza meta kienu f'Malta, li Triq Sant' Andrija hija d-demarcation line li jaqsam Pembroke minn lokalitajiet ohra kif ukoll bl-izvilupp propost li hawn ghall-lokal jaghmel hafna sens li jkun hawn Gvern lokali biex jissorvelja x-xoghol u n-necessitajiet tal-lokal.

3.4. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0283/02/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaccetta l-kwotazzjoni tal-Koperattiva Ndafa Pubblika biex titpogga skip bi prova quddiem Juno Flats u dan sa tmiem tal-kuntratt prezenti.

3.5. Il-Kunsilliera Carmela Attard issekondat.

3.6. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.7. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0327/02/I** is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-printing tal-kumpanija Vouge ser ikun tat-tip

sticker u mhux screen printing kif mahsub. Il-Kelliem qal li meta kkonsulta mal-Kunsillier Ray Pace dan infurmah li ma jsibx oggezzjoni li jintuzaw stickers minflok screen printing.

3.8. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaccetta l-kwotazzjoni tal-Vouge Printing kif ukoll jigi nfurmat biex jaghmel ix-xoghol mehtieg skond kif deciz fil-laqgha li ghaddiet.

3.9. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ssekonda.

3.10. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.11. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0332/02/I** is-Sindku Joe Zammit talab lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg biex jinforma lill-Kap ta' l-Iskola Sir Adrian Dingli li t-talba taghhom ser tigi proposta lill-Kunsill gdid li ser jinhatar wara l-1 t'April 2002.

3.12. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0335/02/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ikun ko-organizzatur mal-Pembroke Athleta Sezzjoni Atletika biex tigi organizzata l-maratona annwali. Il-Kelliem ippropona wkoll li l-Kunsill johrog is-somma ta' Lm 100.00 kif sar fis-snin li ghaddew kif ukoll li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni ghal din l-attivita'.

3.13. Il-Kunsillier Carmela Attard issekondat.

3.14. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.15. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li fuq bazi personali kien ta' sponsor ta' Lm 40.00 lill-Pembroke Athleta Sezzjoni Futboll u dan biex ikopri l-ispejjez tat-trasport. Il-Kelliem ippropona li l-Kunsill johrog sponsor ta' Lm 20.00 lil din is-sezzjoni biex tkopri parti mil-ispejjez li ghamlet l-istess sezzjoni biex tiprovdi trasport ghal-loghobiet li ghamlu s'issa fil-partit li kellhom. Il-Kelliem qal li huwa wkoll kien ta' sponsor fuq bazi personali ta' Lm 20.00 biex tmur ghal dan il-ghan.

3.16. Il-Kunsillier Carmela Attard issekondat.

3.17. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.18. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0378/02/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaccetta l-proposta tal-Pembroke Town Wales UK li accettaw li jiffirmaw il-Gemellagg ma' Pembroke Malta. Il-Kelliem ippropona wkoll li kif sar fil-kaz ta' Pembroke Dock Town il-Kunsill jordna rhama kommemorattiva.

3.19. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ssekonda.

3.20. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.21. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li s-Sindku ta' Pembroke Town il-Kunsillier Aden Brinn ser izur Malta fid-19 ta' Marzu u dan sabiex jigi ffirmat il-Gemellagg.

3.22. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ppropona li d-delegazzjoni mill-Kunsill Lokali Pembroke ghandha terga' zzur Wales sa qabel l-ahhar ta' Marzu 2002 biex tirreciproka din il-mawra u dan sabiex jigu ffirmati z-zewg Gemellaggi kif ukoll isir l-Oath of Office kemm f'Pembroke Town kif ukoll f'Pembroke Dock Town u dan biex jigi ssigillat dan l-iffirmar u jkollu sahha legali. Il-Kelliem ippropona

wkoll li jekk jista' jkun jingabru sponsors biex ikopru l-ispejjez ghal din il-mawra kif ukoll jekk l-isponsors ma jkunx bizzejjed huwa kien lest li johrog l-ispejjez biex ikopru l-parti tieghu.

3.23. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

3.24. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.25. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-kumitat li nhatar fil-laqgha riferenza 01/K3/2002 item 6.9 tizdiedlu wkoll ir-responsabbilita li jmexxi l-process kollu indikat fil-ftehiem ta' koperazzjoni kif ukoll dak propost fid-dokument tal-Gemellagg.

3.26. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ssekonda.

3.27. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.28. Is-Sindku Joe Zammit b'riferenza ghall-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali li ser isiru fid-9 ta' Marzu ppropona li filwaqt li kemm hu kif ukoll il-Kunsillier Carmela Attard kienu ser jikkontestaw l-elezzjonijiet il-Vici Sindku Paul Baldacchino ma kienx ser jikkontesta u ghalhekk fid-dawl ta' dan kemm huwa, kemm il-Vici Sindku Paul Baldacchino kif ukoll il-Kunsilliera Carmela Attard qed joffru bil-quddiem, dejjem jekk Kunsill gdid jaccetta, li jkomplu jaghmlu parti minn dan il-kumitat jigri x'jigri fl-elezzjonijiet li ser isiru u dan sabiex ikun hemm kontinwita' fir-relazzjonijiet li diga nbdew.

3.29. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ssekonda.

3.30. Il-Kunsill qabel unanimament

3.31. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li huwa kien ser jirrinunzja mill-Onorarja tax-xahar ta' Marzu biex tmur ghal dan il-fond ukoll.

3.32. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0382/02/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona d-diskussjoni tal-Mozzjoni prezentata mill-Kunsillier Ray Pace. **( Ara Appendici A )**

3.33. Il-Kunsillier Carmela Attard issekondat.

3.34. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Mozzjoni riferenza numru 02/2002.

3.35. Il-Kunsillier Carmela Attard issekondat.

3.36. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.37. Is-Sindku Joe Zammit ippropona mozzjoni b'urgenza biex il-Kunsill ikun jista' jiddiskuti Draft Budget 2002/2003 u Draft Business Plan 2002/2005.

3.38. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ssekonda.

3.39. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 4. Diskussjoni dwar l-Estimi Finanzjarji 2002/2003 u l-Business Plan 2002/2005.

4.1. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li ghalkemm il-Kunsill ghadu ma giex infurmat b'kemm ser tkun l-allokazzjoni finanzjarja ghas-sena 2002/2003, mil-Estimi Finanzjarji tal-Gvern Centrali jirrizulta li l-Gvern alloka l-istess ammonti

ta' fondi bhas-sena li ghaddiet. Il-Kelliem qal li fid-dawl ta' dan, kif ukoll fid-dawl tad-dewmien esegerat tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali milli jiprovdu l-informazzjoni mehtiega, kien ikkonsulta mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg biex jigi pprezentat draft ta' dawn iz-zewg dokumenti. Ghal dan il-ghan is-Sindku Joe Zammit pogga fuq il-mejda z-zewg dokumenti ghad-diskussjoni. **(Ara appendici B u C)**

4.2. Wara diskussjoni qasira s-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tad-Draft Budget 2002/2003 bil-permess li jekk ma jkunx hemm xi tibdil wara l-laqgha pubblika li ser issir nhar l-Erbgha 20 ta' Frar dan ghandu jkun id-dokument finali li ghandu japprova l-Kunsill bir-riserva li jigi aggustat skond l-allokazzjoni li ser tinghata mill-Gvern Centrali.

4.3. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ssekonda.

4.4. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.5. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tad-Draft Business Plan 2002/2005 bil-permess li jekk ma jkunx hemm xi tibdil wara l-laqgha pubblika li ser issir nhar l-Erbgha 20 ta' Frar dan ghandu jkun id-dokument finali li ghandu japprova l-Kunsill bir-riserva li jigi aggustat skond l-allokazzjoni li ser tinghata mill-Gvern Centrali.

4.6. Il-Kunsillier Carmela Attard issekondat.

4.7. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 5. Approvazzjoni tal-kontijiet.

5.1. Is-Sindku Joe Zammit ipprezenta skeda ta' pagamenti **( Ara appendici D )** ghad-diskussjoni.

5.2. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kif prezentati.

5.3. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ssekonda.

5.4. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 6. Materji Ohra.

6.1. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-laqghat li jmiss ser jinzammu nhar l-Erbgha 20 ta' Frar 2002 ser issir il-laqgha pubblika, nhar l-Erbgha 6 ta' Marzu 2002, nhar l-Erbgha 20 ta' Marzu u l-ahhar laqgha tkun nhar l-Erbgha 29 ta' Marzu 2002.

6.2. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li gew ordnati tlett ibnadar godda u dawn huma wahda ta' Malta, wahda ta' Pembroke u wahda ta' Wales u dan sabiex dawk li ghandu l-Kunsill bhalissa jkunu jistghu jibdew jittelghu fuq Pembroke Battery u dawk godda jibdew jittellghu quddiem l-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-Kelliem qalli l-irhas prezz kien dak tas-Sur Rayner minn San Gwann bil-prezz ikun ta' Lm 60.00 ghat-tlett ibnadar.

6.3. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghad-decizjoni li ttiehdet fil-laqgha precedenti fejn il-Kunsillier Ray Pace kien qal li ser jipprepara pjanta draft ghal-upgrading tal-Playing Field ta' Triq l-Imhallef William Harding. Il-Kelliem

qal li sallum din id-draft ghada ma waslitx u ghalhekk ippropona li l-Kunsill jikteb ittra lir-residenti koncernati fejn dawn jigu nfurmati li l-Kunsill kien qed jipprepara pjanta biex jigi zviluppat is-sit skond il-proposti u rakkomandazzjonijiet ta' l-istess residenti.

6.4. Il-Kusillier Carmela Attard issekondat.

6.5. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.6. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ressaq lill-Kunsill kopja ta' l-avvizz li ser jitqassam lil kull familja f'Pembroke dwar il-laqgha tal-lokalita'. **( ara appendici E )**

6.7. Is-Sindku Joe Zammit ipprezenta kopja ta' petizzjoni li ngabret minghand diversi residenti dwar l-izvilupp li hemm propost ghad-dahla tal-Qasam tad-Djar San Patrizju. Il-Kelliem ippropona li kopja ta' din il-petizzjoni ghandha tinbaghat mill-Kunsill lill-persuni kollha ndikati fl-ahhar ta' l-ittra.

6.8. Il-Kunsillier Carmela Attard issekondat.

6.9. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.10. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghal-istqarrija ghal-istampa li harget mill-Partit Nazzjonalista bhala relazzjoni ghaz-zjara li ghamel l-Onor. Kap ta' l-Oppozizzjoni Dr. Alfred Sant. Il-Kelliem ippropona li l-Kunsill johrog stqarrija ta' kjarifika. **( ara appendici F )**

6.11. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ssekonda.

6.12. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.13. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-kuntratt tas-Sinjura Dorianne Di Vita kellu klawsola li jghid li jigi mgedded minn sena ghal sena liema sena tiskadi fil-31 ta' Marzu 2002.

6.14. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill igedded dan il-kuntratt ghal-perjodu ta' tlett xhur ohra biex b'hekk ikun Kunsill gdid li jiddeciedi jekk igedditx f'aktar tul dan il-kuntratt jew le.

6.15. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ssekonda.

6.16. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.17. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jiprovdi trasport lid-delegazjoni li gejja minn Pembroke Dock Town Council biex jiffirmaw il-gemellagg, liema trasport ghandu jigi provdut ghall-laqghat u attivitajiet li hejja l-Kunsill ghal din id-delegazzjoni ufficcjali.

6.18. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ssekonda.

6.19. Il-Kunsill qabel unanimamnet.

6.20. Il-laqgha ntemmet fid-9.15 pm wara li ntlahaq ftehiem li l-laqgha li jmiss issir nhar l-Erbgha 6 ta' Marzu 2002 fit-8.30.

| | |
|---|---|
| **Joe Zammit** | **Kevin Borg** |
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |